# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 24 ta' Mejju, 2018**

**Kawża Nru. 31**

**Rik. Nru. 764/16JRM**

**ENVIRONMENTAL LANDSCAPES CONSORTIUM LIMITED (C – 30405)**

vs

**IL-KUMMISSARJU GĦALL-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA**, u l-Ministru għat-Trasport u l-Infrustruttura

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta' Awwissu, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) ssib ma tiswiex u magħmula bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(b)(ii), (iii) u (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta d-deċizjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data tad-19 ta' Jannar, 2016, li biha awtoriżża li jkun magħruf u mxandar il-kuntratt kummerċjali bejnha u l-Gvern ta' Malta; u (b) tagħti dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha meħtieġa sabiex jingħatalha rimedju effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Settembru, 2016, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura tal-4 ta' Ottubru, 2016, li biha laqa' għal-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, jgħid li hu ġie mħarrek għalxejn billi kien il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li ħa d-deċiżjoni (għalkemm din ma kinitx waħda aħħarija) u għalhekk ma kellux iwieġeb hu għaliha, u talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Żied jgħid ukoll f'atti u f'azzjonijiet ġudizzjarji, il-Gvern hu rappreżentat mill-kap tad-Dipartiment li, f'dan il-każ, huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Ċaħad li ħa xi deċiżjoni u għaldaqastant ma hemm ebda forma ta' egħmil amministrattiv x'jiġi mistħarreġ taħt din l-azzjoni. Fl-aħħarnett, illi l-kumpannija attriċi kellha rimedju ordinarju ieħor x'tuża qabel ma ressqet dawn il-proċeduri, u dan skond id-disposizzjoni tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12. Fil-mertu, jiċħad ix-xiljiet miġjuba mill-kumpannija attriċi billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data fil-5 ta' Ottubru, 2016, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' għall-azzjoni tal-kumpannija attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-funzjoni tal-Kummissarju mhix sindakabbli minn din il-Qorti skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kap. 440. Laqa' b'eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2016[1], li bih ordnat lill-partijiet illi jittrattaw ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Ministru mħarrek (jiġifieri li l-kumpannija attriċi naqset li tinqeda b'rimedju mogħti minn liġi biex tindirizza l-ilmenti tagħha) u kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju mħarrek (jiġifieri li, skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kap. 440, fit-twettiq tas-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi, l-Kummissarju ma jaqa' taħt id-direzzjoni jew kontroll tal-ebda persuna jew awtorita`);

Rat in-Nota mressqa mill-Ministru mħarrek fl-20 ta' Jannar, 2017[2], biex jindirizza r-raba' eċċezzjoni preliminari minnu mressqa;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2017[3], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

[1] Paġ. 34 tal-proċess
[2] Paġġ. 35 sa 57 tal-proċess
[3] Paġ. 58 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Kummissarju mħarrek fit-22 ta' Frar, 2017[4], dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari mqajma minnu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Ministeru mħarrek fl-24 ta' Frar, 2017[5], dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari mqajma minnu;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi tas-7 ta' April, 2017[6], bi tweġiba għan-Noti rispettivi tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2017[7], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Ministru mħarrek, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju mħarrek;

***Ikkunsidrat*:**

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "ELC") trid li din il-Qorti tistħarreġ deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarju mħarrek fid-19 ta' Jannar, 2016, li biha ordna li jista' jkun magħruf u mxandar kuntratt kummerċjali bejn ELC u l-Gvern. ELC tilminta li l-imsemmija deċiżjoni ttieħdet bi ksur tal-liġi dwar il-ħarsien tad-*data*, bi ksur ta' klawsola ta' kunfidenzjalita` li ddaħħlet fl-istess kuntratt kummerċjali u bla ma kienet intalbet tagħti l-fehma tagħha qabel ittieħdet id-deċiżjoni. Fil-fehma tagħha, il-kuntratt huwa "dokument projbit" skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32 tal-Att dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni[8], u l-pubblikazzjoni tiegħu ser joħolqilha preġudizzju billi jikxef tagħrif kummerċjali. ELC tqis li l-aġir tal-Kummissarju jikser l-Artikolu 469A billi hija qatt ma ġiet notifikata b'xi forma ta' smigħ, kif ukoll bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

Illi għal din l-azzjoni, il-Ministru mħarrek laqa' billi, b'mod preliminari, jgħid li hu ġie mħarrek għalxejn billi kien il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data li ħa d-deċiżjoni (għalkemm din ma kinitx waħda aħħarija) u għalhekk ma kellux iwieġeb hu għaliha, u talab li jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Żied jgħid ukoll f'atti u f'azzjonijiet ġudizzjarji, il-Gvern hu rappreżentat mill-kap tad-Dipartiment li, f'dan il-każ, huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura. Ċaħad li ħa xi

[4] Paġġ. 59 sa 68 tal-proċess
[5] Paġġ. 69 sa 71 tal-proċess
[6] Paġġ. 82 – 7 tal-proċess
[7] Paġ. 88 tal-proċess
[8] Att XVI tal-2008 (Kap 496)

deċiżjoni u għaldaqstant ma hemm ebda forma ta' egħmil amministrattiv x'jiġi mistħarreġ taħt din l-azzjoni. Fl-aħħarnett, illi ELC kellha rimedju ordinarju ieħor x'tuża qabel ma ressqet dawn il-proċeduri, u dan skond id-disposizzjoni tal-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi l-Kummissarju mħarrek għall-azzjoni ta' ELC billi, b'mod preliminari, qal li l-funzjoni tal-Kummissarju mhix sindakabbli minn din il-Qorti skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*[9]. Laqa' b'eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li fil-31 ta' Ottubru, 2002, ELC u l-Gvern ta' Malta daħlu f'kuntratt dwar xogħlijiet ta' manutenzjoni li kellhom isiru minn ELC f'ambjenti pubbliċi u toroq f'għadd ta' mkejjen madwar Malta[10];

Illi fit-23 ta' Ġunju, 2015, terza persuna (minn issa 'l hemm imsejħa "Baldacchino") ressqet talba lill-Ministeru għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ministeru"), sabiex tingħata kopja ta' dan il-ftehim. Fit-23 ta' Lulju, 2015, il-Ministeru ċaħad it-talba, u Baldacchino ressaq talba sabiex il-Ministeru jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu. Jirriżulta illi fit-13 ta' Awwissu, 2015, il-Ministeru tenna d-deċiżjoni, bir-riżultat li Baldacchino ressaq applikazzjoni quddiem il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kummissarju") sabiex jistħarreġ l-ilment tiegħu dwar din id-deċiżjoni[11];

Illi l-Kummissarju sema' kemm lill-Ministeru kif ukoll lil Baldacchino, iżda mhux ukoll lil ELC. Huwa wasal għall-fehma li r-rifjut min-naħa tal-Ministeru ma kienx mistħoqq, u permezz ta' deċiżjoni meħuda fid-19 ta' Jannar, 2016, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, sab li ma kien hemm l-ebda raġuni tajba taħt il-liġi għaliex ma kellhiex tintlaqa' t-talba ta' Baldacchino biex jingħata aċċess għat-tagħrif li talab[12]. Il-Ministeru ressaq appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "it-Tribunal")[13]. Huwa għarraf ukoll lil ELC bid-deċiżjoni tal-Kummissarju[14];

Illi ELC fetħet din il-kawża fil-31 ta' Awwissu, 2016;

---

[9] Att XXVI tal-2001 (Kap 440)
[10] Premessa numru 2 tar-Rikor Maħluf f'paġ. 2 tal-proċess
[11] Ara dikjarazzjoni tal-Ministeru mharrek f'paġġ. 11 – 2 tal-proċess
[12] Dok. "A" f'paġġ. 20 – 6 tal-proċess
[13] Dok "MTI1" f'paġġ. 37 sa 41 tal-proċess
[14] Dok. "MTI2" f'paġġ. 45 – 6 tal-proċess

Illi wara li nfetħet din il-kawża, ELC talbet li tintervjeni fil-każ quddiem it-Tribunal u, b'degriet tat-13 ta' Ottubru, 2016[15], it-Tribunal laqa' t-talba, u ELC ressqet it-Tweġiba tagħha għall-appell imressaq mill-Ministeru[16];

Illi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2016, quddiem it-Tribunal, ELC talbet is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem it-Tribunal billi kienet fetħet din il-kawża, liema talba, għar-raġunijiet hemm imsemmija, ġiet miċħuda fis-16 ta' Frar, 2017[17];

Illi bħala <u>konsiderazzjoni ta' dritt</u>, il-Qorti sejra l-ewwel tistħarreġ ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-Ministru mħarrek. L-eċċezzjoni preliminari tal-Ministeru mħarrek trid li din il-kawża ma messhiex inġabet quddiem din il-Qorti ta' stħarriġ ġudizzjarju għaliex ELC kellha rimedju ieħor xieraq li setgħet tinqeda bih, taħt id-disposizzjoni tal-Kapitolu 440 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar l-ilment li huwa l-mertu ta' din il-kawża. Tali rimedju huwa dak maħsub fl-artikolu 49 tal-imsemmi Att;

Illi, min-naħa tagħha, ELC twarrab dan l-argument u tgħid li ma huwiex minnu li hija tabilħaqq tista' tinqeda bir-rimedju msemmi mill-Ministru mħarrek u li tabilfors trid tersaq quddiem din il-Qorti biex tittama li tingħata r-rimedju minnha mitlub kontra d-deċiżjoni tal-Kummissarju mħarrek;

Illi ladarba l-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili huwa eċċezzjoni għar-regola li l-Qrati għandhom ġurisdizzjoni, jeħtieġ li tali sub-artikolu jitfisser f'sens dejjaq kemm jista' jkun biex ma jġibx fix-xejn l-għan li għalih il-leġislatur daħħal din l-għamla ta' azzjoni reviżorja fil-proċedura lokali. Kif diġa` ngħad mill-Qrati tagħna, l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni tal-Qrati li jistħarrġu għemil amministrattiv għandha tkun ġustifikata biss jekk il-Qorti tkun soddisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju fejjiedi u xieraq disponibbli għaliha, u hija naqset li tirrikorri għalih bla raġuni tajba[18];

Illi l-Qorti tifhem li biex il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li tistħarreġ għemil amministrattiv titneħħa, ir-rimedju taħt xi liġi oħra mogħti lill-persuna mġarrba b'dak l-għemil irid ikun rimedju xieraq u, fuq kollox, effikaċi[19]. Irid jintwera wkoll li l-persuna ma nqdietx bir-rimedju l-ieħor b'mod kapriċċuż, f'liema każ ma jkunx xieraq li, minħabba n-nuqqas tagħha, mbagħad iddur għall-kenn tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A. Bilkemm għandu għalfejn jiżdied jingħad ukoll li jaqa' fuq il-parti li tallega li kien hemm rimedju ieħor

[15] Dok. "MTI3" f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess
[16] Dok "MTI4", f'paġġ. 51 – 2 tal-proċess
[17] Dok. "IDPC2" f'paġġ. 64 – 8 tal-proċess
[18] App. Ċiv. **6.5.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Bunker Fuel Oil Company Ltd. vs Paul Gauċi et*** (mhix pubblikata) u App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Chairman Awtorita` tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.943**)
[19] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Muscat et vs Chairman tal-Awtorita` tad-Djar et***

disponibbli għall-persuna mġarrba biex tipprova kif imiss li tassew kien hemm rimedju effettiv u li l-persuna naqset bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi m'għandux ikun hemm dubju li fejn rimedju alternattiv taħt xi liġi speċjali ma jkunx disponibbli għal xi persuna mhux bi ħtija tagħha jew lil hinn mill-kontroll tagħha, ma jkunx xieraq li lil dik il-persuna jitneħħielha l-jedd li titlob lill-Qorti tistħarreġ l-għemil amministrattiv li minnu tilminta li ġarrbet xi ħsara jew preġudizzju[20]. Diġa' ngħad li t-tħaddim tal-artikolu 469A(4) bħala eċċezzjoni għar-regola għandu jsir meta tassew li kien hemm disponibbli rimedju effettiv u li l-parti tkun naqset bla raġuni tajba milli tinqeda bih;

Illi għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tqis jekk hux minnu jew le li ELC kellha rimedju tajjeb u effettiv taħt xi liġi oħra u jekk naqsitx bla raġuni tajba li tinqeda bih;

Illi l-artikolu 49(1) tal-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, jipprovdi li "*Persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni tal-Kummissarju għandu jkollha l-jedd li tagħmel appell minn dik id-deċiżjoni billi tikkomunika bil-miktub lit-Tribunal fi żmien tletin jum minn meta tiġi avżata b'dik id-deċiżjoni*";

Illi filwaqt illi huwa minnu li l-Ministeru mħarrek għarraf lil ELC bid-deċiżjoni tal-Kummissarju, u li mid-daqqa t'għajn ir-referenza għal "persuna" fl-artikolu 49(1) tista' tinftiehem bħala riferenza kemm għal persuna fiżika kif ukoll dik ġuridika, iżda min-naħa l-oħra, minn qari ta' dan l-Att, it-tifsir li joħroġ mill-artikolu 2, kif ukoll l-artikoli li jsegwu, donnhom huma maħsuba li jindirizzaw biss persuni fiżiċi, bir-riżultat li persuni ġuridiċi, bħalma hija ELC, hija mċaħħda milli tressaq ilment quddiem it-Tribunal fit-termini ta' din il-liġi[21];

Illi jibqa' biex jiġi mistħarreġ jekk ELC għandhiex rimedju tajjeb taħt l-Att dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni (Kap. 496). Fi kliem l-abbli avukat ta' ELC, il-mertu tal-kawża huwa regolat b'dan l-Att u mhux bl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, iżda jgħid ukoll li ELC m'għandhiex rimedju taħt din il-liġi;

Illi l-Att dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni huwa indirizzat lejn dik il-persuna li trid aċċess għal dokument jew informazzjoni miżmuma minn xi awtorita`. Tali persuna, fit-termini ta' din il-liġi, titqies bħala l-"applikant" jew bħala "persuna eliġibbli"[22], u tikkorrispondi bil-preċiż mal-persuna ta' Baldacchino f'din il-kawża, filwaqt illi l-awtorita` pubblika taħt din il-liġi li lilha tintalab informazzjoni huwa f'din il-kawża rapprezentat milll-Ministru mħarrek;

---

[20] P.A. GV **29.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Ltd et***

[21] Ara per eżempju d-definizzjoni tal-kelma "*data personali*", "*data personali sensittivi*" u "*suġġett ta' data*", li jirreferu speċifikatament għal persona naturali

[22] Ara tifsira taħt l-artikolu 2 tal-Kap. 496

Illi ELC, min-naħa l-oħra, ma hija l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ partijiet. Kemm hu hekk, hija toġġezzjona għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt jew għat-tixrid ta' tagħrif li jinsab fl-istess kuntratt billi, fil-fehma tagħha, id-dokument mitlub għandu jitqies bħala "dokument eżentat", Fil-fatt, kemm-il darba dan huwa minnu, ELC tiġi li għandha titqies bħala l-persuna li, fi kliem din l-istess liġi, tista' tressaq azzjoni għal ksur ta' kunfidenzjalita'[23];

Illi fit-termini ta' din il-liġi, avviż li joħroġ il-Kummissarju jista' jiġi appellat biss minn appellant jew awtorita` pubblika[24] , u għaldaqstant ELC ma kellhiex il-mezz xieraq kif tressaq l-ilment tagħha quddiem it-Tribunal, jew li ssegwi r-rimedji tal-appell lill-Qorti tal-Appell mid-deċiżjoni tal-istess Tribunal[25];

Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ kif żviluppaw, ELC ma kinitx parti fl-appell imressaq mill-Ministru mħarrek quddiem it-Tribunal. Għalkemm ELC talbet li tintervjeni *in statu et terminis* (u t-talba tagħha ntlaqgħet), b'daqshekk hija ma saritx parti fil-proċeduri, minħabba li l-intervenut ma jitqiesx parti f'kawża. Dan jidher li għarfu wkoll l-istess Tribunal meta iddelibera jekk kellux jilqa' talba ta' ELC biex it-Tribunal jissoprasjedi. Kemm hu hekk, waħda mir-raġunijiet li ta t-Tribunal biex jiċħad it-talba għas-soprasessjoni kienet sewwasew li ELC ma kinitx parti fl-appell imressaq quddiemu. Jekk dan huwa l-każ, wieħed ma jistax jara kif ELC tassew tista' tinqeda mir-rimedju tl-appell li jgħodd biss għall-partijiet imsemmija mil-liġi. Min-naħa l-oħra, ma ntweriex li ELC kienet mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tad-19 ta' Jannar, 2016, fiż-żmien utli imsemmi fl-artikolu 39(1) biex setgħet tirrikorri quddiem it-Tribunal. Għall-kuntrarju, jidher li kien biss fit-3 ta' Ġunju, 2016[26], li għarraf l-ewwel darba lil ELC bl-appell li kien ressaq dwar id-deċiżjoni tal-Kummissarju u talab lil ELC biex titla' quddiem it-Tribunal bħala xhud. Xhud mhuwiex mogħti d-dritt li jinqeda b'rimedju tal-appell u wisq anqas li jappella mid-deċiżjoni tat-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Appell;

Illi minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma jirriżultax li ELC tassew kellha xi rimedju li setgħet tinqeda bih taħt xi liġi oħra biex iżommha milli tressaq din il-kawża u għaldaqstant l-eċċezzjoni mressqa mill-Ministeru mħarrek mhijiex mistħoqqa u mhix sejra tintlaqa';

Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Kummissarju mħarrek, safejn **l-azzjoni attriċi hija waħda ta' stħarriġ** ġudizzjarju m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' kull kawża dwar deċiżjoni jew imġiba ta' awtorita` pubblika kif mifhuma fil-Kodiċi u fil-liġi.

[23] Ara art. 31(2) tal-Kap. 496
[24] Ara art. 39(1) tal-Kap. 496
[25] L-art. 40 tal-Kap 496 irid jinqara flimkien mal-art 51 tal-Kap 440
[26] Ara Dok "MTI2", f'paġ. 47 tal-proċess

Dan il-prinċipju ovvju ma jeħtieġ l-ebda kwalifika. Dak li jrid jingħad huwa li, madankollu, tali stħarriġ irid isir fil-limiti preċiżi tal-għan tiegħu u m'għandux jiddawwar f'eżerċizzju ta' appell minn jew ta' reviżjoni tal-mertu tal-kwestjoni li dik l-awtorita` li tkun[27];

Illi tali eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju hekk sewwa msejjaħ ġeneralment ma jgħoddx fih intervent dwar jekk it-tribunal, korp kważi-ġudizzjarju jew awtorita` oħra, kienx konsistenti bejn dak li tressaq quddiemu bħala fatti u dak li iddeċieda, jew jekk l-apprezzament tal-fatti jew in-nuqqas ta' apprezzament ta' oħrajn kienx wieħed rilevanti, jew jekk dik l-awtorita` messhiex fehmet xi kunċett legali b'mod minflok mod ieħor[28]. Fuq kollox l-ebda azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ma timmira li tqis mill-ġdid il-mertu;

Illi l-artikolu 37 tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data filwaqt li jgħid li *"Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Kummissarju għandu jaġixxi b'mod indipendenti u ma jkun suġġett għad-direzzjoni jew kontroll ta' ebda persuna jew awtorita`"*, ma jfissirx illi l-imġiba tal-Kummissarju ma tistax tiġi mistħarrġa. Fil-fatt, jekk Qorti tiddeċiedi li tistħarreġ l-imġiba jew id-deċiżjoni ta' Kummissarju u ssib li jew (a) li l-Kummissarju jirriżulta li qabeż is-setgħat tiegħu, jew kien nieqes minn setgħa, jew (b) li ma mexiex mal-liġi li taħtha twaqqaf jew (ċ) li naqas li jħares xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, l-aktar li l-Qorti tista' tagħmel huwa li tħassar dak l-għemil jew dik id-deċiżjoni, u tordna s-smigħ mill-ġdid, jekk ikun il-każ. Madankollu, il-fatt li l-liġi tgħid li, fit-twettiq tas-setgħat lilu mogħtija, il-Kummissarju ma jkun taħt l-ebda direzzjoni jew kontroll tal-ebda persuna ma jfissirx li jista' jagħmel li jogħġbu bla ndħil ta' ħadd u li, jagħmel x'jagħmel, ma hemm l-ebda awtorita` ogħla minnu li tista' tistħarreġ dak l-għemil. Huwa sewwasew f'ċirkostanzi bħal dawn li l-għodda tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tixhed is-siwi qawwi tagħha;

Illi l-istess Kummissarju ma jidhirx li ta lill-Qorti xi argumenti tajba biex tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu u għalhekk ma wrihiex għaliex ma għandux ikun suġġett għall-istħarriġ li jista' jsir tal-għemil li wasslu għat-teħid tad-deċiżjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar, 2016, li minnha tilminta ELC;

Illi għalhekk, lanqas din l-eċċezzjoni preliminari mhija sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni mressqa mill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura** u ssib li l-kumpannija attriċi ma kellhiex rimedju ieħor xieraq

[27] App. Ċiv. 13.2.1997 fil-kawża fl-ismijiet Mallia noe et vs Debono noe et (Kollez. Vol: LXXXI.ii.262) u l-bosta sentenzi msemmijin fiha
[28] App. Ċiv. 20.5.1991 fil-kawża fl-imsijiet John Holland noe vs Julian Schembri (mhix pubblikata)

taħt liġi oħra fejn setgħet tressaq l-ilment tagħha, u għalhekk l-azzjoni tagħha tal-lum saret sewwa;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*** u ssib li din il-Qorti għandha s-setgħa li tistħarreġ l-ilment tal-kumpannija attriċi dwar id-deċiżjoni meħuda minnu;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni fil-mertu (bla ħsara dwar l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn imqajma mill-Ministru mħarrek); u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' din is-sentenza** jkunu regolati mas-sentenza aħħarija.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**24 ta' Mejju, 2018**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**24 ta' Mejju, 2018**